

Brussell, 6 ta' Ottubru 2023  
(OR. en)

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2023/0179(NLE)**

---

13287/23  
ADD 1

SOC 633  
EMPL 452  
EDUC 363  
JEUN 227  
ECOFIN 911  
MI 776  
FISC 204

**NOTA**

---

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill  
lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

---

Suġġett: Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-iżvilupp ta' kundizzjonijiet ta' qafas tal-ekonomija soċjali  
- Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Ungeriża

---

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Ungeriża fir-rigward tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill imsemmija hawn fuq.

## DIKJARAZZJONI MILL-UNGERIJA

L-Ungerija hija impenjata għall-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità u tappoġġa bis-sħiħ l-innovazzjoni soċjali organika, minn isfel għal fuq u b'mod partikolari, miżuri għat-tnaqqis tal-faqar, filwaqt li tappoġġa l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol u l-inklużjoni soċjali ta' gruppi żvantaġġati kif ukoll biex tiżdied is-solidarjetà soċjali. Il-qafas legali Ungeriż jipprovdi, fost l-oħrajn, inċentivi fiskali konsiderevoli għaż-żgħażagħ, familji kbar u għal impjegaturi ta' persuni b'diżabilità.

Madankollu, l-Ungerija tqis li l-abbozz ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-Iżvilupp ta' Kundizzjonijiet ta' Qafas tal-Ekonomija Soċjali jipprevedi soluzzjonijiet restrittivi u ta' daqs wieħed għal kulħadd u jipprevedi tnaqqis konsiderevoli fl-ispazju ta' mmanuvrar għall-Istati Membri biex jiddefinixxu l-politiki soċjali, tas-suq tax-xogħol, tal-impjiegi, fiskali u ekonomiċi tagħhom u jirriskja li jinterferixxi mal-istruttura tas-sistemi legali nazzjonali u l-amministrazzjonijiet pubbliċi. L-Ungerija hija partikolarment imħassba li r-Rakkomandazzjoni, minkejja l-bażi legali tagħha dwar l-impjiegi, tfittex li tadotta rakkomandazzjonijiet dwar ir-ristrutturar tas-sistema tat-taxxa tal-Istati Membri. Barra minn hekk, l-Ungerija tqis li t-taqsimha dwar l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni mhijiex konformi man-natura legali ta' rakkomandazzjoni, speċjalment minħabba n-natura eċċessivament dettaljata u restrittiva tagħha. Aħna nemmnu li l-impożizzjoni ta' approċċ uniformi f'dan ir-rigward toħloq ir-riskju li jiġu injorati l-istrutturi soċjetali differenti ħafna tal-Istati Membri. Konsegwentement, l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni potenzjalment toħloq piż nett mhux biss fuq l-amministrazzjonijiet pubbliċi nazzjonali u l-Unjoni Ewropea, iżda anke fuq is-soċjetajiet u l-persuni li hija maħsuba biex tassisti.

Konsegwentement, l-Ungerija tastjeni fir-rigward tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-Iżvilupp ta' Kundizzjonijiet ta' Qafas tal-Ekonomija Soċjali.